12 ta' Marzu, 1951.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Wing Commander James Maxwell Watson, R.A.F., no.

*versus*

Leonardo Sacco et.

## War Damage Commission — Ħsara tal-Gwerra — "Flying Obstacle" — Rekwiżizzjoni — Emergency Compensation Board — Art. 2 ta' l-Ord. III ta' l-1943.

*Il-War Damage Commission hija korp morali li għandu poteri estiżi ħafna u diskrezzjoni kważi ġudizzjarja biex tgħid jekk ċerta ħsara hijiex ħsara tal-gwerra jew le fis-sens tal-War Damage Ordinance 1943. U sakemm fid-deċiżjonijiet tagħha dik il-Kummissjoni tosserva sostanzjalment u fil-forma dik il-liġi, u tkun qatgħet "fairly and honestly", skond ir-regoli tal-ġustizzja naturali, id-deċiżjonijiet tagħha ma humiex sindakabili mill-Qorti, salv l-appell minn kwistjonijiet ta' dritt li huwa permess fil-każi stabbiliti mill-istess liġi.*

*Għaldaqstant, meta l-Kummissjoni tkun għadha ma tatx deċiżjoni jekk ċerta ħsara hijiex "war damage" jew le, ma tistax issir talba fil-konfront u fir-relazzjonijiet tal-Kummissjoni biex jiġi dikjarat mill-Qorti jekk ħsara li ġrat hijiex "war damage" jew le; għax b'deċiżjoni simili t-tribunal ikun qiegħed jagħti direttivi lill-Kummissjoni dwar kif għandha taqta' fuq dak il-"claim". Domanda simili ma tistax tiġi provveduta mill-Qorti, salv li, meta l-Kummissjoni tagħti d-deċiżjoni tagħha, ikun jista' jsir appell lill-Qorti kontra dik id-deċiżjoni, jekk ikun il-każ.*

*Dana però ma jfissirx li dikjarazzjoni simili, anki fil-pendenza tal-"claim" quddiem il-Kummissjoni, ma tistax tiġi mitluba mill-Qorti fir-relazzjonijiet bejn iċ-ċittadini privati interessati fil-kwistjoni. Dikjarazzjoni simili l-Qorti tista' tagħtiha, biex il-partijiet ikunu jistgħu jirregolaw ruħhom; imma dik id-deċiżjoni tal-Qorti ma tkunx vinkolanti għall-Kummissjoni, u bl-ebda mod ma tista' timponi ruħha fid-deċiżjoni li tkun sejra tagħti dik il-Kummissjoni.*

*It-twaqqiegħ ta' fond li jiġi rekwiżizzjonat biex l-awtorità rekwiżizzjonanti tiddemolieh għax kien jikkostitwixxi ostakolu għat-titjir ta' l-ajruplani ma huwiex ħsara tal-gwerra fis-sens ta' l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra, avvolja dak il-fond kien ġà mġarraf bil-ħidma tal-għadu meta saret ir-rekwiżizzjoni għall-iskop imsemmi. Għaldaqstant dik l-Awtorità hija obligata tħallas il-kumpens relattiv lil sid il-fond hekk demolit. Biss l-awtorità rekwiżizzjonanti għandha d-dritt tagħżel jew li terġa' tibni l-fond fl-istess stat li kien meta ġie rekwiżizzjonat, jew li tħallas lil sid il-fond kumpens li jiġi stabbilit mill-Emergency Compensation Board skond il-liġi li tkun in vigore meta l-Awtorità tirrilaxxja dak il-fond lil sidu ħieles mir-rekwiżizzjoni.*

L-attur fit-taħrika qal li l-konvenut Sacco huwa sid id-dar bi ġnien f'Ħal Kirkop, St. Leonard Street, nri. 54F u 54G; u li f'Marzu 1943 dik id-dar, li allura kienet ġiet imġarrfa bil-ħidma tal-għadu, ġiet okkupata mill-R.A.F., taħt d-dispożizzjoni tal-Malta Defence Regulations, 1939, u ġiet imwaqqa' bħala "flying obstruction", miżura li ġiet meħuda għan-neċessità tal-gwerra, taħt l-awtorità kompetenti, biex ma tinxteridx jew biex titnaqqas il-ħsara tal-gwerra; u qal li dak il-fond ġie rilaxxjat lill-konvenut Sacco mingħajr ebda restrizzjoni li jerġa' jinbena; u talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, jiġi dikjarat u deċiż li l-ħsara fuq imsemmija, konsistenti fid-demolizzjoni tal-fond fuq imsemmi, li kien "flying obstacle", hija "war damage" għall-finijiet kollha tal-War Damage Ordinance, u għalhekk l-attur nomine ma għandu ebda obligu li jerġa' jtalla' l-fond fuq imsemmi fl-istat li kien meta hu okkupah biex jiddemolih. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

B'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-20 ta' Jannar 1950, ġiet miċħuda l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Mallia nomine, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

B'sentenza oħra tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re tal-4 ta' Ottubru 1950, dik il-Qorti ċaħdet it-talba ta' l-attur kontra l-konvenut Mallia nomine, u konsegwentement laqgħet l-eċċezzjoni tiegħu ta' l-insostenibilità ta' l-azzjoni, bl-ispejjeż li ma kienux ġà deċiżi għall-attur nomine, u ddikjarat li l-ħsara msemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u

konsistenti fid-demolizzjoni tal-fond imsemmi bħala "flying obstacle" skond is-sezzjoni 2 (a) (b) u (c) ta' l-Ordinanza III ta' l-1943, ma hix kunsidrata u ma tidħolx bħala ħsara tal-gwerra, u konsegwentement qatgħet u qalet li l-attur nomine huwa obligat li jerġa' jtalla' l-fond imsemmi fl-istat li kien meta ġie okkupat minnu sabiex jiddemolih; salvo li dak l-istat jiġi determinat f'ġudizzju separat jew mod ieħor, u salva kwalunkwe azzjoni għall-konvenut Sacco għal kwalunkwe pessima eventwalità kontra min u skond il-liġi; bl-ispejjeż kollha kontra l-attur nomine; billi kkunsidrat;

Illi, eżaminata *bir-reqqa t-tieni eċċezzjoni* tal-konvenut Mallia nomine, l-istess tidher li hija ta' natura mista. Infatti, in kwantu dika l-eċċezzjoni timporta li l-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra għadha ma ħadetx deċiżjoni dwar il-każ tal-bini tal-konvenut Sacco, l-istess hija kwistjoni ta' fatt pur li jiddependi mill-provi; u in kwantu timporta l-oppożizzjoni li *d-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni* għall-Ħsarat tal-Gwerra ma humiex sindakibili għaliex dana l-korp morali għandu "a quasi judicial discretion", u għall-pont sollevat illi l-appelli minn dana l-istess korp huma speċifikati mil-liġi partikulari tal-War Damage Ordinance, u l-każ sottomess ma jidħolx f'wieħed minn dawk il-każi, jimpurtaw kwistjonijiet ta' dritt; mentri n-nuqqas ta' l-osservanza *fid-deċiżjonijiet* ta' l-istess Kummissjoni tal-prinċipji u regoli tal-ġustizzja naturali (kif ukoll, jingħad inċidentalment, fil-każ ta' eċċess tal-ġurisdizzjoni tagħha meta tqum kwistjoni fuq hekk) hija kwistjoni indubbjament mista ta' fatt u fl-istess ħin ta' dritt;

Illi jingħad, dwar id-dikjarazzjoni mitluba, in kwantu l-istess *hija miġjuba 'l quddiem u promossa fil-konfront tal-*konvenut Mallia nomine, li d-deċiżjoni ta' dik il-Qorti tkun tammonta, xejn anqas u xejn aktar, minn direttiva li tkun tivvinkola lill-istess konvenut fuq imsemmi. Fi kliem ieħor, dina l-Qorti tkun qiegħda tafferma "coram" il-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra li l-fatt imsemmi huwa jew ma huwiex "war damage", meta dik id-determinazzjoni, li hija intiża għall-ħsarat tal-gwerra, skond is-sezzjoni 18 (1) ta' l-Ordinanza III ta' l-1943, għandha tiġi maqtugħa, skond kif jitolbu d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima I ta' dik l-Ordinan-

za, mill-istess Kummissjoni — ħaġa, ma hemmx bżonn jingħad, anormali u, kif sejjer jingħad, insostenibili;

Illi huwa stabbilit fis-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fl-1 ta' Mejju 1946, fl-ismijiet "Ugo Muscat Azzopardi et. vs. Professur Joseph Anastasi Pace fil-kapaċità tiegħu ta' Segretarju ta' 'The War Damage Commission'', illi dika l-istess Kummissjoni, bħala li hija "a semi judicial body" b'poteri diskrezzjonali ta' estensjoni kbira ħafna, u bħala korp morali, mhix soġġetta għaċ-ċensura u għas-sindakabilità ta' dawn il-Qrati ħlief limitatament għall-fatt ta' l-eżami jekk dawk il-poteri diskrezzjonali, li jridu jkunu ġew eżerċitati, ġewx fil-fatt eżerċitati skond il-liġi sostanzjalment u fil-forma, u jekk l-istess ġewx eżerċitati "fairly and honestly";

Illi jekk huwa hekk, u ċjoè li d-diskrezzjoni semi-ġudizzjali ta' dika l-Kummissjoni mhix sindakabili, u li d-determinazzjoni mitluba mill-attur nomine tiddependi minnha, id-dikjarazzjoni li qiegħed jitlob l-attur di fronti għal dika l-istess Kummissjoni f'dina l-kawża hija svestiment tal-poteri mħollija f'idejn dik il-Kummissjoni; u dina l-Qorti, kif ma tistax tissindaka deċiżjoni ta' dak il-korp morali, lanqas ma tista' loġikament timponi dikjarazzjoni simili u tan-natura ta' dik mitluba lil dak l-istess korp;

Illi mill-provi mbagħad jirriżulta li fil-fatt (ara depożizzjoni ta' Carmelo Mallia fol. 35 wara) dik il-Kummissjoni lanqas għadha ma ħadet deċiżjoni fuq il-"claim" tal-konvenut Sacco, b'mod li dana l-fatt, skond il-bwon sens u l-loġika naturali, lanqas jagħti lok għall-eżami jekk kienx hemm xi nuqqas jew vjolazzjonijiet dwar l-eżerċizzju, sew dwar id-dritt sostanzjalment u dwar il-forma, sew dwar ir-regoli u prinċipji ta'-ġustizzja naturali;

Illi dak li sar fil-konfronti ta' oħrajn, kif allegat, taħt l-istess ċirkustanzi ta' fatt, mhux ta' ebda rilevanza; l-għaliex, apparti li l-Qorti mhix fil-pożizzjoni li tiċċekkja l-fattijiet ta' dawk il-każi sabiex tara jekk verament jikkorrispondux fil-fattispeċi għall-każ tal-konvenut Sacco, id-diskrezzjoni negativa wżata f'dawk l-istess każi tista' ma tkunx, fuq konsiderazzjonijiet aktar maturati, fl-istess sens tiġi eżerċitata fil-konfronti tal-konvenut Sacco, sew għall-kumpens "in toto" sew għall-kumpens parzjali, li milli jidher, kif infqal

fuq, għandu l-"claim" tiegħu mal-War Damage Commission mitfuħa u pendenti fuq l-istabbli li dwar il-kumpens tagħhom hawn diskussjoni. Indubbjament huwa ta' importanza biss dak li sar, u jekk qatt sar, kif sar fil-każ tal-konvenut Sacco in partikulari;

Illi, fil-ħsieb tal-Qorti, jingħad li l-aħħar eċċezzjoni tal-konvenut Mallia nomine, mogħtija bla preġudizzju u subordinatament, fis-sens li t-talba attriċi, in kwantu tirrigwarda t-twaqqih ta' bini anki bħala "flying obstacle", mhux se maj imdaħħal bħala "war damage" kif maħsub fl-artikolu 2 (2) tal-War Damage Ordinance 1943, apparti li dik l-eċċezzjoni ġiet mogħtija mill-konvenut Mallia bla ma avża lill-istess Kummissjoni, bħal ma qal bil-ġurament meta xehed (ara fol. 32 tal-proċess), indubbjament l-istess ma tikkostitwix, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, l-espressjoni finali tal-fehma tal-Kummissjoni in parola li lill-konvenut Sacco mhux sejjer jiġi *mogħti ebda kumpens*; u dika d-dikjarazzjoni tax-xhud hija opinjoni personali li tista', kif ġiet, bl-affermazzoni kuntrarja magħmula, tiġi ritrattata bħal ma huma, "mutatis mutandis", ritrattabili dawk id-dikjarazzjonijiet ta' fatt li jingħamlu mill-avukati għall-insaputa u bla awtorizzazzjoni tal-klijent meta hekk jiġi pruvat;

*Illi kwindi d-dikjarazzjoni* mitluba mill-attur nomine hija insostenibili in kwantu diretta kontra l-konvenut Mallia nomine, u l-eżami ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenut Mallia nomine ma jirrendix ruħu neċessarju u meħtieġ in vista ta' dina d-deċiżjoni tal-Qorti;

Illi però ma jistax jingħad l-istess ħaġa dwar dik id-dikjarazzjoni *in kwantu diretta kontra* l-konvenut Sacco, li fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu baqa' jsostni li fil-fehma tiegħu jew il-War Damage Commission, jew l-Air Ministry, jew it-tnejn flimkien ripartitament bejniethom, għandhom jikkompensawh. Infatti l-eżami jekk it-twaqqih tal-bini bħala ostakolu ta' l-ajru huwiex "war damage" jew le jinteressa lill-attur nomine, mhux sabiex jara *min sejjer jikkompensa* lill-konvenut, imma skond l-interess tiegħu sabiex jara li l-istess Sacco ma jibqax bil-proċedura "ad hoc" istitwita quddiem il-liġi skond l-Emergency Compensation Board ikompli jippersegwitah fuq il-patrimonju tiegħu, u dana indipendente-

ment minn dak li l-Kummissjoni għall-Hsarat tista' tirritjeni qwar ix-xogħol in kwistjoni;

Illi l-Qorti kwindi jkollha ta' bilfors, sabiex taqta' dik id-dikjarazzjoni, taħseb, tgħid, u tara jekk ix-xogħol imsemmi jidħolx jew le taħt it-tifsira tal-kelma jew terminu "war damage", non ostanti li dika d-determinazzjoni hija inħollija fis-setgħa ta' dik il-Kummissjoni; għaliex dana jrid isir biss b'ex tiġi maqtugħa u determinata kwistjoni li qamet bejn żewġ ċittadini li t-tnejn għandhom interess li fil-konfronti tagħhom dika l-kwistjoni tiġi deċiża ħalli jkunu jistgħu jirregolaw ruħhom. Dina l-proċedura hija normali, l-għaliex ma hux l-ewwel darba li l-Qrati Ċivili tagħna kellhom jinterpretaw għad-deċiżjoni tagħhom dispożizzjonijiet Kriminali jew tal-Liġijiet tal-Pulizija, u anki regolamenti amministrativi maħrugin mill-Awtorità li ma tidħolx taħt is-sindakabilità ta' dawn il-Qrati ħlief għal-limitazzjonijiet li ntqalu fuq;

Infatti ġie deċiż mill-Qrati Tagħna li "il tribunale civile ha indubbiamente il potere di applicare non solo le leggi di natura meramente civile, ma anche norme di indole diversa, quando dal fatto sorga una quistione di indole privata" (ara Appell 13 ta' Frar 1931 in re "P.L. Giuseppe Bezzina vs. Giovanni Azzopardi", Vol. XXVIII — I — 23). U dana l-prinċipju huwa applikabili għall-applikazzjoni tal-Liġi tal-War Damage fir-rapport privat bejn il-kontendenti, non ostanti li dik il-liġi ġiet magħmula għal korp speċjali kif intqal fuq (ara wkoll Appell tat-30 ta' Ġunju 1947, in re "Spiteri vs. Balzan");

Del resto, jekk l-attur għandu d-dritt jitlob li jkun meħlus minn azzjoni avanzata kontra tiegħu mill-konvenut Sacco, li ċertament, jekk akkolta, tinvolvi dannu patrimonjali għalih, id-dikjarazzjoni minnu mitluba jista' jitlobha u jinsisti li tiġi maqtugħa, indipendentement mill-fatt jekk il-Kummissjoni għall-Hsarat tal-Gwerra tkunx jew le taqbel magħha; l-għaliex fil-każ eventwali ta' deċiżjoni favorevoli għalih l-istess attur ikun jista' jmur quddiem l-Emergency Compensation Board u jitlob li jiġi minnu meħlus mit-talba għall-kumpens ta' l-istess Sacco. Fil-każ imbagħad eventwali ta' eżitu sfavorevoli għall-attur, wara li jeżawrixxi l-proċeduri kollha, il-konvenut Sacco allura jkun jista' jitlob li titmexxa

'l quddiem il-procedura tal-Board skond it-termini u l-konsegwenzi legali tad-decizjoni finali li l-attur ma jkollux dritt jilmenta;

Illi qabel ma l-Qorti tgħaddi għall-eżami tal-kwistjoni legali dwar jekk ix-xogħol ta' l-attur jidħol jew le taħt id-definizzjoni tal-kelma "war damage", kif maħsub fis-sezzjoni 2 (2) tal-liġi fuq imsemmija, huwa tajjeb li jingħadu l-fattijiet li ġejjin:— (1) Li l-post tal-konvenut Sacco nru. 54G, u 54..............;

Illi minn dawna l-fattijiet, aċċertati u mhux kontestati, jidher li (1) il-post ġie għall-ewwel danneġġjat bil-ħidma tal-għadu qabel ma ġie rekwiżizzjonat mill-Air Ministry, u (2) li l-konvenut ħadu lura minn għand l-Air Ministry mġarraf u mwitti għal kollox;

Li s-sezzjoni 2 (2) ta' l-Ordinanza III ta' l-1943, tfisser x'inhuma "l-ħsarat tal-gwerra". Dina d-dispożizzjoni hija — neħħi għas-subsezzjoni 6 u 7 — meħuda verbatim mill-art. 80 tal-"War Damage Act, 1941" Ingliż;

Illi minn dik id-definizzjoni jaqgħu taħt it-terminu "war damage" tliet klassijiet ta' każi skond ma hemm maħsub fis-sezzjoni 2 taħt l-ittri (a) (b) (c). It-tliet klassifiki jaqblu in kwantu li d-dannu jrid ikun ir-riżultat dirett ta' l-azzjoni, operazzjoni jew miżura adoperata, kif ukoll li jkunu operazzjonijiet derivanti mill-għadu, jew biex il-ħsara li tkun qiegħda ssir effettivament tiġi ristretta jew imnaqqsa, jew li jsiru l-preparazzjonijiet waqt operazzjoni effettiva tan-nemik. Jiddifferixxu in kwantu li (1) mentri fil-każi kontemplati taħt l-ittra (a) u (b) id-dannu riżultanti huwa kunsidrat "war damage" sew jekk ikun aċċidentali jew le, fil-każi li jaqgħu taħt l-ittra (c) d-dannu aċċidentali biss huwa kunsidrat ħsara tal-gwerra, u (2) mentri l-miżura li minnha jitnissel id-dannu, u li tidħol taħt l-ittra (a), trid tkun dovuta għall-għemil tal-għadu jew għall-għemil fit-taqbid kontra l-għadu, jew fit-tkeċċija ta' attakk maħsub li qiegħed isir kontra l-għadu — operazzjonijiet kollha tal-gwerra effettivi preżenti u attwali "in faciem inimici" — dik li tidħol taħt l-ittra (b) trid tiġi meħuda mill-awtorità xierqa biex dik il-ħsara msemmija taħt l-ittra (a) ma tinxteredx jew biex titnaqqas, mentri dik li taqa' taħt l-ittra (c) hija pjuttost dik

ta' karattru prekawzjonali jew preparatorju, meħuda mill-awtorità xierqa, jew biex ma jitħalliex li jsir jew jiġi mfixkel attakk tal-għadu, sew biex jiġi milqugħ għemil tal-għadu — miżuri li jkunu f'kull wieħed mill-każijiet iġibu magħhom grad għoli ta' riskju ta' proprjetà;

Illi ma hemmx kwistjoni li x-xogħol magħmul mill-atturi *nomine* ma jaqax taħt il-klassifika maħsuba fis-sezzjoni 2 ittra (c), k't lanqas ma jaqa' taħt il-kategorji ta' l-istess sezzjoni mdaħħla taħt l-ittra (a) u (b); l-għaliex fl-ewwel każ id-dannu bil-miżura adoperata ma kienx aċċidentali derivanti minn *miżuri prekawzjonali* jew preparatorji meħuda mill-awtorità xierqa għall-prevenzjoni jew tfixkil ta' attakk tal-għadu jew xogħlijiet fuq l-art biex jiġi milqugħ għemil tal-għadu, żda kienu ħsara voluta għal fini ieħor li mhux minn dawk *imsemmijin*; u fiż-żewġ ipotesijiet l-oħra għaliex l-istess sar mhux kif huwa maħsub f'dawk is-subinċiżi, sabiex dik il-ħsara tkun ritenuta tal-gwerra, u cjoè bħala riżultat dirett ta' azzjoni tal-għadu jew azzjoni biex jiġi kombattut l-għadu, jew fit-*tkeċċija* ta' attakk maħsub li sar mill-għadu, li ppresupponi azzjonijet "in faciem inimici", u lanqas bħala *riżultat* ta' *miżura* meħuda mill-awtorità xierqa sabiex dik il-ħsara ma tinxteredx jew biex titnaqqas il-ħsara konsegwenza tal-*miżuri* li ntqalu fuq;

Illi ma għandux, kif għamel l-attur, jiġi konfuż dak li jsir fl-interess jew għan-neċessità tan-nies arrwolati għall-finijiet tal-gwerra ma' dak illi huwa l-konsegwenza ta' operazzjoni, miżura jew azzjoni effettiva prekawzjonali jew preparatorja belli'ka "in actu belli". Infatti, jekk xi wieħed misservizzi, waqt u fil-kors ta' mvażjoni, iwaqqa' dar biex jagħmel bil-materjal tagħha ostakoli fuq it-triq ħalli b'dak l-ingombru jostakola l-avanzata tal-għadu, dik id-demolizzjoni, fil-ħsieb ta'-Qorti, tista' tissejjaħ u tiġi kwalifikata bħala "war damage", l-għaliex id-dannu riżultanti jkun jista' jingħad li huwa l-konsegwenza diretta ta' għemil fit-taqbid kontra l-għadu; kif ukoll jista' jiġi sostnut fil-każ li waqt it-taqbid jaqa' ajruplan tagħna stess fuq dar ingarrfa, jew taqa' bomba tagħna ta' l-"anti-aircraft" u tiddanneġġja jew twaqqa' dar, anki jekk dik il-bomba bi żball tiġi sparata mill-kanuni tagħna kontra ajruplan tagħna stess, li l-"gunners" jaħ-

sbuħ bi żball li huwa tal-għadu; imma ma tistax tingħad l-istess ħaġa jekk is-servizzi tad-difiża, meta ma jkunx hemm invażjoni jew attakk "in actu" tal-għadu fuq it-territorju nazzjonali, biex iqassru t-triq ħalli jmorru fl-istazzjon tagħhom, iwaqqgħu l-ħitan tal-għelieqi jew id-djar flok isegwu t-triq ordinarja, anki jekk jagħmlu hekk l-għaliex jidhrilhom li tkun aktar salva u sħiħa l-ħajja tagħhom jew aktar kommoda dik il-miżura; l-għaliex dawk ma humiex l-azzjonijiet, operazzjonijiet u miżuri "ad hoc" kontemplati biex jista' jingħad li l-ħsara konsegwenti minnhom tista' tissejjaħ ħsara tal-gwerra;

Illi meta s-Servizzi tar-Re għall-Ajru iddemolew id-dar tal-konvenut Sacco l-għaliex l-istess kienet qiegħda ħdejn u qrib l-aerodrome tikkostitwixxi "a flying obstacle", dak ix-xogħol dannuż volontarju, mhux aċċidentali, għamluh mhux għal ebda raġuni oħra ħlief biex jiskansaw l-"airmen" ta' l-ajruplani tagħna; imma dik il-miżura neċessarja bil-konsegwenti dannu ma tidħol fl-ebda waħda mill-ipotesijiet kontemplati fil-liġi sabiex jista' jingħad li dak id-dannu li minnha jinħass għandu jiġi kunsidrat bħala ħsara tal-gwerra;

Illi l-attur jista jilmenta li b'hekk huwa sejjer, in konsegwenza tad-dikjarazzjoni sfavorevoli għalih, jeħel in sostanza, jew ir-riskju li jeħel, xi parti ta' l-ewwel ħsara li saret żgur bl-għemil tal-gwerra; imma dina l-kwerela tiegħu, jekk qatt iġibha 'l quddiem, hija dovuta għall-azzjoni tiegħu; l-għaliex kieku qabel ma ddemolixxa l-fond huwa għamel konstatazzjoni ta' l-estensjoni tad-dannu, kif ukoll dwar l-istat ta' solidità tal-fond kif kien danneġġjat meta huwa rrekwiżizzjonah, jew għamel deskrizzjoni u valutazzjoni preventiva ta' dak li kien hemm bżonn sabiex il-post jerġa' jiġi rikostrwit skond id-destinazzjoni tiegħu u kif kien, dawk ir-relazzjonijiet kienu jistgħu indubbjament iservu għad-determinazzjoni tant deskrittiva kemm tal-valur; u l-istess rapporti jew relazzjonijiet kienu jkunu jistgħu jiġu wżati mill-konvenut Sacco għall-finijiet tar-reklam tal-kumpens mill-War Damage Commission — liġi li nħolqot wara dak id-dannu, imma li tikkopri anki, kif ingħad fiha stess, dak iż-żmien tar-riskju;

Huwa fatt li ma jistax jiġi negat, l-għaliex ġie paċifikament aċċettat mill-kontendenti kollha, li l-post tal-konvenut Sacco sofra dannu bl-għemil tal-gwerra qabel ma ġie rekwiżizzjonat mill-attur nomine. Għal dawk id-dannu l-konvenut Sacco *normalment għandu, skond l-istess liġi,* "claim" għall-kumpens kontra l-War Damage Commission. Li kieku l-post kellu, kieku ma *ġiex demolit,* jerġa' jiġi riparat kif kien, kien hemm bżonn kumpens ta' somma ta' flus, biex ngħidu hekk, per *eżempju,* ta' £300, u llum, biex jinbena mill-ġdid l-istess post kif kien, hemm bżonn ta' £700, huwa ġust u ekwu li di front għall-istat di fatto attwali l-ammont ta' £300 jinħargu mill-War Damage Commission u l-£400 l-oħra jiġu mħallsin mill-attur nomine, u b'dana l-mod il-War Damage Commission ma tkunx ġiet ħarġet aktar milli kien ikollha toħroġ allura, meta Sacco kien ikun għamel il-"claim" tiegħu fil-bidu ta' l-operazzjoni tal-liġi, u l-attur ma kienx ikun jista' jilmenta, u fl-istess ħin il-liġi tkun qiegħda tiġi puntwalment osservata. Fi kwalunkwe eventwalità dan li ntqal irid, se maj, jifforma materja ta' ġudizzju ieħor, fejn fuq il-provi għandu jiġi determinat l-istat tal-post kif kien fil-waqt tar-rekwiżizzjoni u jekk l-istess f'dik l-epoka kienx fl-istat ta' meta saritlu l-ħsara mill-għadu, u l-kwistjonijiet l-oħra interdipendenti, sabiex ikun determinat x'kien ikun id-dannu tal-gwerra indipendentement minn dak tad-demolizzjoni sussegwenti;

Illi minħabba l-aġir ta' l-attur nomine l-konvenut Sacco ma għandux ħati, l-għaliex huwa ma setax jimpedixxi lill-awtorità rekwiżizzjonanti tagħmel dak li kellha f'rasha tagħmel, kif ġie ammess fl-att taċ-ċitazzjoni, fejn l-attur stess qal li huwa okkupa l-fond biex jiddemolih; u huwa għalhekk li sejra tiġi riżervata kwalunkwe azzjoni għal kwalunkwe eventwalità oħra;

Illi kwindi t-talba attriċi, in kwantu tirrigwarda x-xogħol imsemmi biex jitneħħa l-ostakolu ta' l-ajru tal-post tal-konvenut, li kien diġà danneġġjat bl-għemil tal-għadu, mhijiex sorretta mid-dritt lanqas di fronti għall-konvenut Sacco;

B'nota tal-11 ta' Ottubru 1950, l-attur appella minn dik is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1950, u b'petizzjoni talab li dik is-sentenza tal-4 ta' Ottubru 1950, tal-Prim'Awla tal-Qorti

Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, tiġi revokata, u li t-talbiet ta' l-attur jiġu milqugħa, bl-ispejjeż kontra l-konvenuti; u subordinatament, u fil-każ biss li dina l-Qorti tiġi għall-konklużjoni li l-ħsara tal-fond tal-konvenut Sacco ma hix "war damage", huwa talab li jiġi deċiż li l-obligu tiegħu jikkonsisti li jħallas b'kumpens tal-ħsara somma ta' flus skond iddispożizzjoni ta' l-Emergency Compensation Regulations 1943 — somma li għandha tiġi fissata mill-Emergency Compensation Board. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-fond in kwistjoni kien ġie fi żmien il-gwerra danneġġjat, u aktar tard ġie rekwiżizzjonat u okkupat mir-Royal Air Force biex waqqgħuh u ħattu dak li kien fadal, peress li kien qiegħed iservi ta' tfixkil għat-titjir ta' l-ajruplani. Wara li l-fond ġie derekwiżizzjonat, ġiet imressqa quddiem l-Emergency Compensation Board talba għal-likwidazzjoni ta' l-indennità dovuta lil sid il-fond, Leonardo Sacco, mill-Air Ministry; iżda minħabba l-kwistjoni li quddiem il-Board inqalgħet dwar ir-responsabbiltà tal-ħsara u l-obligi tal-ħlas, dak il-Board waqqaf is-smiegħ tat-talba sakemm tiġi maqtugħa l-kwistjoni mill-Qorti kompetenti; u għalhekk saret il-preżenti kawża;

L-attur nomine jippretendi li l-ħatt u t-tneħħija tal-bini kien ħsara tal-gwerra, u għalhekk id-dikasteru minnu rapprezentat mhux obbligat iħallas l-indennità lill-konvenut Sacco, u li dan għandu jitħallas mill-War Damage Commission. Sallum il-War Damage Commission għadha ma tat ebda deċiżjoni dwar jekk il-ħsara nnissla mill-ħatt tal-bini mhux inġarraf mill-għadu kienetx ħsara tal-gwerra għall-finijiet ta' l-Ordinanza III ta' l-1943; u kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ma tekwivalix għal deċiżjoni tal-Kummissjoni l-eċċezzjoni tal-konvenut Mallia li biha dana ċaħad li dawk huma ħsara tal-gwerra. Intant, bħala l-awtorità stabbilita mill-liġi biex taqta' liema ħlasijiet għandhom isiru dwar ħsara talgwerra, bis-saħħa ta' l-art. 18 ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, il-War Damage Commission, li għandha setgħat kważi ġudizzjarji u, salvo appell f'ċerti każi, hija insindakabili sakemm tosserva l-liġi u r-regoli tal-ġustizzja naturali, għandha l-prerogativa li taqta' hi stess jekk ħsara li dwarha jkollha

talba hijiex ħsara tal-gwerra għall-finijiet tal-ħlas ta' l-indennità, u ma tistax tiġi prevenuta mid-deċiżjoni ta' tribunal ta' l-ewwel istanza li jagħtiha direttivi u jimponilha d-deċiżjoni tiegħu, u b'hekk jissostitwixxi ruħu f'lok dik l-istess Kummissjoni f'materja li b'liġi speċjali tinsab devoluta lilha. Ċertament, wara li tkun ġiet mogħtija mill-Kummissjoni deċiżjoni fuq jekk il-ħsara hix ħsara tal-gwerra inkella le għall-finijiet ta' dik l-Ordinanza, bħala kwistjoni ta' pont ta' liġi hemm dejjem id-dritt ta' l-appell fuqha għal min iħoss ruħu aggravat b'dik id-deċiżjoni. Iżda l-istanza preżenti ta' l-attur nomine ma nġiebetx bħala appell minn deċiżjoni simili, iżda nġiebet quddiem tribunal ta' l-ewwel istanza bi prevenzjoni tal-Kummissjoni u kontra l-Kummissjoni stess, meta, kif intqal, il-Kummissjoni ma tistax tiġi prevenuta u marbuta b'deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja oħra;

Mill-banda l-oħra, xejn ma jimpedixxi lill-attur nomine li, biex jirregola r-rapporti tiegħu ma' pretendent privat, jipprovoka mit-tribunal ordinarju dikjarazzjoni fuq in-natura tal-kawża tal-pretensjoni tal-privat kontra tiegħu, meta b'daqshekk il-Kummissjoni fuq imsemmija ma tkunx marbuta u preġudikata, għax dik id-deċiżjoni tat-tribunal għaliha tibqa' "res inter alios acta". U jekk il-ħsara tirriżulta li mhijiex ħsara tal-gwerra fis-sens ta' l-Ordinanza fuq imsemmija, lill-Kummissjoni lanqas tirrigwardaha. Għaldaqstant id-distinzjoni li l-Ewwel Qorti għamlet bejn l-istanza in kwantu diretta kontra Mallia nomine u l-istanza in kwantu diretta kontra Sacco hija korretta, u għalhekk korretti u f'lokhom huma d-deċiżjonijiet li l-Ewwel Qorti għamlet fis-sentenza appellata rigward l-istanza stess, apparti mill-meritu;

Fuq il-meritu in kwantu l-istanza tinsab diretta kontra Sacco, il-Qorti tirrileva li s-sezzjoni 2 ta' l-art. 2 ta' l-Ordinanza III ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-gwerra, tgħid x'għandu wieħed jifhem bi ħsara tal-gwerra f'dik l-Ordinanza, billi tgħid li "ħsara tal-gwerra tfisser:— (a) Ħsara li tiġri (sew jekk aċċidentalment jew le) direttament minħabba għemil tal-għadu, jew għemil fit-taqbid kontra l-għadu, jew fit-tkeċċija ta' attakk maħsub li qiegħed isir mill-għadu; (b) Ħsara li tiġri (sew jekk aċċidentalment jew le) direttament minħabba miżuri meħudin taħt l-awtorità xierqa sabiex dik il-ħsa-

ra ma tinxteredx, jew biex titnaqqas; (c) Ħsara aċċidentali li tiġri direttament minħabba (i) miżuri ta' prekawzjoni jew ta' tħejjija meħudin taħt awtorità xierqa bil-ħsieb li ma jitħalliex isir jew jiġi mfixkel attakk tal-għadu, jew (ii) xi miżuri ta' prekawzjoni jew ta' tħejjija li jġibu l-għemil ta' xogħol fuq l-art, u meħudin taħt awtorità xierqa b'xi mod biex jiġi milqugħ għemil tal-għadu, u li jkunu, f'kull wieħed mill-każijiet, miżuri li jġibu magħhom grad għoli ta' riskju lill-proprjetà'';

L-ewwel kategorija tal-ħsara fuq imsemmija hija dika u tirrigwarda dika l-ħsara, li tkun kaġunata direttament minn operazzjonijiet ta' gwerra f'attakki jew kontrattakki; filwaqt li fit-tieni kategorija tirrigwarda l-ħsara kaġunata direttament minn miżuri meħuda relativament għall-ħsarat kontemplati fil-kategorija preċedenti, u jippresupponu dawk il-ħsarat ta' l-ewwel kategorija, għax il-miżuri, kawża talħsara, ikunu ttieħdu preċiżament biex ma tinxteridx jew biex titnaqqas il-ħsara kaġunata direttament minn attakk jew kontrattakk;

Fil-każ preżenti l-ħsara kaġunata fil-fond tal-konvenut Sacco mill-''Air Ministry Directorate of Works'' la kienet kaġunata minn attakk u lanqas minn kontrattakk, u lanqas ma saret biex titnaqqas jew ma tinxteredx il-ħsara magħmula f'attakk jew kontrattakk; għax saret biss deliberatament biex jitneħħa tfixkil għat-titjir ta' l-ajruplani. Għaldaqstant il-ħsara ma taqax fil-kategorija (a) u (b) tal-ħsarat tal-gwerra fuq imsemmija. Lanqas ma taqa' fil-kategorija (c), għax f'dina l-kategorija (c) il-ħsara trid tkun aċċidentali, u mhux deliberata bħal ma hu l-każ. U tabilħaqq, għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni tal-liġi l-aċċidentalità tal-ħsara hija rekwiżit essenzjali stabbilit testwalment mil-liġi għall-finjiet ta' l-Ordinanza fuq imsemmija. Għall-ħsara tan-natura ta' dik in kwistjoni tipprovdi liġi oħra speċjali, u hemm stabbilit organu ieħor speċjali biex jaqta' fuq id-dritt u l-likwidazzjoni tal-kumpens għall-ħsara. Għaldaqstant il-ħsara in kwistjoni mhix ħsara tal-gwerra fis-sens ta' l-Ordinanza III ta' l-1943; u għalhekk it-talba ta' l-attur nomine ma tistax tiġi milqugħa;

Fil-petizzjoni l-attur appellant għamel talba subordinata, billi talab li jiġi deċiż li l-obligu tiegħu jikkonsisti li jħallas b'kumpens tal-ħsara somma ta' flus skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Emergeny Compensation Regulations 1943 — somma li għandha tiġi fissata mill-Emergency Compensation Board. Dina t-talba ma ġietx magħmula fiċ-ċitazzjoni; iżda l-Qorti, meta fis-sentenza appellata qatgħet il-kawża, ikkundannat lill-konvenut virtwalment li jibni dak li ħatt, għax għamlet dikjarazzjoni kuntrarja għal dak li l-attur talab fit-taħrika f'lok ma ċaħdet it-talba "sic et simpliciter". Iżda l-Qorti lanqas ma tista' f'din il-kawża tneħħi lill-attur il-fakoltà li, f'lok jirreintegra u jerġa' jibni dak li ħatt, iħallas l-indennità skond il-liġi viġenti fi żmien ir-rilaxx tal-fond;

Għal dawn r-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet it-talba diretta kontra Mallia nomine u in kwantu laqgħet l-eċċezzjoni ta' dak Mallia nomine, bl-ispejjeż mhux ġà maqtugħa xorta oħra kontra l-attur nomine, u in kwantu ddikjarat li l-ħsara imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni, u konsistenti fid-demolizzjoni tal-fond imsemmi bħala "flying obstacle", skond is-sezzjoni 2 (a) (b) u (c) ta' l-Ordinanza III ta' l-1943, ma hix kunsidrata u ma tidħolx bħala ħsara tal-gwerra; iżda tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li taqta' u tgħid li l-attur nomine huwa obligat li jerġa' jtalla' l-fond in kwistjoni fl-istat li kien meta okkupah biex jiddemolih, inkella, a xelta tiegħu, jindennizza lill-konvenut Sacco skond il-liġi in vigore fi żmien ir-rilaxx tal-fond da parti tiegħu, salv li dak l-istat tal-fond qabel id-demolizzjoni da parti ta' l-attur jiġi determinat skond il-liġi, u salvi lill-partijiet kull xorta ta' drittijiet oħrajn, kompriż l-eventwali appell mid-deċiżjoni eventwali tal-War Damage Commission, jekk u skond il-liġi; u tordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-attur nomine, ħarra dawk li l-Ewwel Qorti qatgħet xort'oħra, billi, fuq dawk l-ispejjeż, dawna jibqgħu bħal ma qatgħet l-Ewwel Qorti.

---